# Għal darek nixxennaq

Martino Palmitessa Addattata għall-Malti minn Dun Mikiel Galea

```
Rit:  D         A          Bm   A
     Kemm hi għażiża d-dar tiegħek
      G              E  A
     Mulej Alla tas-sema
     D       A         Bm  A
     Ruħi tinfena u tixxennaq
             G    A         D G A
     Għat-tempju tiegħek, o Alla.

   D                Bm   A
Ġo darek l-għasfur jgħammar
    G                 D  A
Ħuttafa tibni l-bejta tagħha
     G                      D  Bm
Tant ieħor nistkenn ħdejn artalek
   G                 E   A7
Mulej, Sultan u Alla tiegħi.  Rit:

U hena jimla ’l qalbi
Kull meta f’darek niġi nfaħħrek
Nitolbok ismagħni, weġibni
Nittama fik, Alla l-Għoli.        Rit:

Jum wieħed ġewwa għamartek
Aħjar minn ħajja xi mkien ieħor
U l-għatba ta’ darek, o Alla
Aħjar minn tined il-ħżiena.   Rit:

Għax tarka int għalija
U ħniena, Mulej, int turi miegħi
Kull ġid u kull barka tagħtini
Jekk miegħek nimxi bis-sewwa. Rit:
```

G E A7 Bm D G A

